# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Marzu 2025**

**Numru 6**

**Rikors Numru 383/2022**

**John u Doris konjugi Briffa (439263M) u uliedhom Ryan Briffa (317894M) u Denise Briffa (272196M)**
**vs**
**Maltapost p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' John u Doris konjuġi Briffa u ta' uliedhom Ryan Briffa u Denise Briffa (l-Atturi) tas-6 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma eredi ta` Elenia Briffa, detentrici tal-karta ta` l-identita 487400L, li giet nieqsa tragikament f` incident li gara fis-7 ta` Mejju 2020, fl-eta` ta` dsatax il-sena;

2. Illi l-imsemmija Elenia Briffa kienet impjegata mas-socjeta intimate bhala pustiera, u fis-7 ta` Mejju 2020, hija tilfet hajjitha waqt il-qadi ta` dmirijietha;

3. Illi bhala parti mix-xoghol taghha, Elenia Briffa kellha ssuq mutur b`erba roti, u hija kienet inghatat tahrig ta` ftit sieghat sabiex tibda ssuq dan il-mutur b`erba` roti;

4. Illi fis-7 ta`Mejju 2020 ftit hin qabel it-tmienja ta` filoghdu, Elenia Briffa harget bil -mutur mis-sit tas-socjeta intimata Maltapost p.l.c, fi Triq Hal Qormi, il-Marsa, u kif saqet ftit metri l`boghod, gara l-incident fatali fejn Elenia Briffa tilfet hajjitha;

5. Illi fl-incident tas-7 ta` Mejju 2020 ma kienux involuti vetturi ohrajn, u gara li l-imsemmija Elenia Briffa instaghbet ma l-art bi griehi sejri f` rasha, u l-mutur li kienet qieghda ssuq kellu wiehed mit-tyres b`puncture;

6. Illi dan l-incident fatali li hasad il-hajja ta` Elenia Briffa gara minhabba nuqqasijiet, negligenza, traskuragni da parti tas-socjeta intimate, in kwantu naqset li tiehu dawk il-passi necessarji sabiex tissalvagwarda l-inkolumita fizika ta` Elenia Briffa waqt ix-xoghol, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi ghalhekk is-socjeta intimati irrendiet ruhha passibli ghad-danni konsegwenzjali ghal dan l-incident minhabba nuqqasijiet, negligenza u traskuragni da parti taghha;

   Tghid ghalhekk is-socjeta intimate ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti-:

   (i) Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvota mehtiega u necessarja, tiddikjara illi r-responsabbilita ghal incident li sehh fis-7 ta` Mejju 2020 fi Triq Hal Qormi, il-Marsa, fejn Elenia Briffa tilfet hajjitha, hija unikament tas-socjeta intimate Maltapost p.l.c minhabba nuqqasijiet, negligenza u traskuragni, da parti taghha, u dan minhabba li naqset li tiehu dawk il-mizuri mehtiega sabiex tissalgwardja l-inkolumita fizika ta` Elenia Briffa waqt ix-xoghol.

   (ii) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b`rizultat ta` l-imsemmi incident, anke permezz ta` Periti nominandi ghal dan l-iskop.

   (iii) Tikkundanna s-socjeta intimate thallas lir-rikorrenti, id-danni hekk likwidati

   Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta l-ittra ufficjali enumerta 1846/2022 u l-ispejjez kollha, kontra s-socjeta intimate li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Maltapost Plc (is-Soċjeta' konvenuta) tat-22 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari, l-atturi ghandhom igibu l-provi dokumentarji sabiex jipprovaw il-pretensjoni taghhom li huma l-eredi tad-defunta Elenia Briffa;

2. In linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort jew b'xi nuqqas tas-socjeta' esponenti u dan hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-atturi ghandhom fi kwalunkwe kaz iressqu l-ahjar prova dwar id-danni effettivi u attwali minnhom allegati u reklamati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda fil-Kawża.

Rat li l-Kawża hija differita llum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Atturi huma kollha eredi tal-mejta Elenia Briffa (il-vittma) li mietet f'sinistru tat-traffiku waqt li kienet fuq ix-xogħol fis-7 ta' Mejju 2020. Dakinhar kellha 19 -il sena. Il-vittma kienet impjegata mas-Soċjeta konvenuta bħala pustiera u ċioe' li twassal il-posta lill-pubbliku in ġenerali.

Biex taqdi dawn id-dmirijiet, il-vittma kienet tagħmel użu minn vettura mixtrija mis-Soċjeta' konvenuta appositament għal dan ix-xorta ta' servizz. Fid-data fatali fuq imsemmija, il-vittma ħarġet għax-xogħol bħas-soltu b'din il-vettura, li kienet ilha biss ftit tal-ġimgħat issuqha, u ftit tal-bogħod miċ-Ċentru tas-Soċjeta' konvenuta, f'kura fit-triq, kellha l-inċident fatali. Dan ġara billi din il-vettura telgħet fuq il-bankina bil-konsegwenza li din inqalbet. Din waqat fuq ġenbha fuq ras il-vittma u kkawżat il-mewt tagħha.

L-Atturi li huma l-eredi tal-mejta qegħdin ifittxu għad-danni għaliex huma jsostnu li l-mewt tal-imsemmija seħħet tort uniku tas-Soċjeta' konvenuta.

**Punti ta' Liġi**

Għalkemm il-fatti speċie ta' din il-Kawża huwa inċidenti stradali, fir-realta hija waħda relatata ma' danni kkawżati waqt l-esekuzzjoni ta' dmir ta' ħaddiem fuq ix-xogħol.

Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol jew waqt l-esekuzzjoni tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (ara Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta). Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18)). Huwa

dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala *“a safe system of work”* kemm jekk ix-xogħol qiegħed isir fuq il-post tax-xogħol u kif ukoll jekk fuq barra l-post tax-xogħol bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Għalhekk jibqa’ dejjem l-obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta’ perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) li jelenka b’mod ġenerali d-dmirijiet ta’ min iħaddem. (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta’ Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe, Appell Kummerċjali tas-7 ta' Diċembru 1994 u Keith Caruana - vs- Joseph Paris et nominee tal-P.A. tat-12 ta’ Frar 1999**)

Pero’ wkoll "*Huwa dmir ta’ kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess” (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994).*” (Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim’Awla, 31 ta’ Ottubru 2013**).

Aktar minn hekk fis-**Sentenza Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim’Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta’ Mejju 2019**, ingħad hekk:

“*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta’ responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta’ dmirijiet tal-persuna li tkun,*

*japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna birresponsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).”*

B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **App. Ċiv. tat-28 ta' April tal-2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et -vs- C.V. Builders Ltd. et**).

Di piu' b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'l bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u dan skond art. 6(2) tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk dan iġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (ara art. 6(3) tal-Kap 424).

Dan ifisser illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-

każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru tal-1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema li jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dk is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru tal-1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

Huwa ta' importanza li jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd**).

B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-P.A. tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**). Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f'każ ta' sinistri ta'

din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża.

Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28**) intqal li fejn hemm kuntratt ta' impjieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract."* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks tas-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

Interessanti wkoll dak li jingħad minn **Giovanna Visintini** fir-rigward tal-liġi Taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione giurisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di *titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di* Gordine *probatorio processuale per l'infortunato*" (**Giovanna Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqiegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara

għad-dritt ta’ min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita.

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jingħad li sabiex il-Qorti tkun tista’ tasal dwar jekk l-Atturi humiex intitolati għal danni, l-ewwel ma jrid ikun stabbilit hu, jekk is-Soċjeta’ konvenuta taħtix għall-inċident inkwistjoni. Ma hemmx danni fejn ma hemmx ħtija għaliex kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (ara artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili). Aktar minn hekk irid ikun hemm kawżalita bejn l-att dannuż u l-ħsara sofferta.

F’dan il-kuntest dawn il-Qrati jgħallmu s-segwenti li:

"*Hu ben saldat fil-ligi tagħna illi l-konċezzjoni tar-responsabilita` ċivili ta’ indoli akwiljana tesprimi ruhha fil-kolpa (Artikolu 1031, Kodiċi Ċivili) u din, fil-qafas ta’ l-istess Kodiċi Ċivili, hi oggettivament espressa minn nuqqas ta’ prudenza, tad-diligenza u tal-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032(1)].*

*Min, allura, jagħmel uzu minn kondotta mhux konformi għal dawn il-kanoni objettivi tad-diligenza, prudenza u tal-hsieb uti bonus paterfamilias jitqies in kolpa u jkollu jwiegeb għad-danni li jissuċċiedu. Wisq ragonevolment, jispetta lill-attur, li lilu gie kagonat id-dannu, li jagħti prova ta’ din il-kolpa, ossija tan-ness kawzali bejn l-event dannuz u l-kondotta tad-danneggjant, u ta’ l-ezistenza tad-dannu.*

*Logikament ukoll, dan il-prinċipju ma jfisserx illi l-Qorti għandha takkwizixxi din il-kolpa eskluzivament mill-materjal probatorju offert mill-attur danneggjat għaliex jista' jagħti l-kaz li l-kolpa tal-konvenut speċjalment fejn ma jkunx agevoli li ssir l-prova diretta, tigi dezunta minn fatti u ċirkostanzi li għandhom l-impronta ta' htija*". (Ara **Sentenza tat-8 ta' Jannar, 2010 Carmelo Farrugia vs Antoine Grima, Appell Ċivili per kompjant Imhallef Philip Sciberras.**).

Għalhekk qabel kollox l-ewwel ma għandu jkun determinat min jaħti għall-inċident mertu ta' din il-kawża ossia r-responsabbilita'.

**Responsabbilita'**

Il-Qorti eżaminat sewwa l-provi li għandha quddiemha. Is-Soċjeta' konvenuta tiċħad li hija responsabbli għall-inċident u qiegħda tisposta r-responsabbilita' fuq il-vittma.

Il-Qorti ser tibda biex teżamina jekk hemmx xi xorta ta' responsabbilita' da parti tal-vittma.

*L-aġir tal-vittma.*

Jibda biex jingħad li skond l-Ispettur Roderick Aguis għal xi raġuni l-mejta qabbdet il-bankina bil-vettura u nqalbet (a' fol 20 tergo). Skond hu minflok kisret lejn it-Triq kisret lejn il-banika. Dan raħ fuq CCTV Camera (idem).

Anke l-Qorti setgħet tikkonstata mill-filmat tas-CCTV Camera li meta l-vittma waslet fil-kurva baqgħet dieħla dritt għal fuq il-bankina. Hija wkoll il-fehma soda ta' din il-Qorti, li t-tyre ta' wara tax-xellug infaqa' bl-impatt mal-bankina u mhux kien mifquh qabel l-impatt. (ara filmat a' fol 114. [401525 @ 6mts]). Dan l-ispettur jgħid li skont ir-risultanzi tal-inkjesta ma ttieħdux proċeduri kontra s-Soċjeta' Konvenuta għaliex instab li ma kinitx kriminalment responsabbli (a' fol 21). Għalkemm il-Qorti tfakkar li nuqqas ta' ħtija fil-kamp kriminali mhux neċċessarjament iffiser li ma hemmx responsabbilita fil-kamp ċivili anke minħabba l-grad ta' prova differenri bejn it-tnejn. Fil-kamp kriminali huwa lil hinn minn kull dubbju li tiddetta r-raġuni mentri f'dak ċivili hija fuq il-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probabbilitajiet. (Ara **Sentenza tat-30 ta' Mejju, 2024 fl-ismijiet Atlantis Deep Sea Limited -vs- MMH Malta Ltd, Prim Awla Qorti Ċivili [Mhux appellata]**).

Fir-rapport tal-Pulizija saret nota f'dan is-sens: "*Illi mid-dokumenti li gew esebiti irrizulta li Briffa bhala issue tal-crash helmet hadet wiehed ta' qies* (recte Qies) *zgħir 'small'. Mhux magħruf għalfejn dak in-nhar tal-akkadut incident hi kienet qed issuq bi crash helmet ta' size medium. Intant hija l-opinjoni umli tal-esponent illi Helena Briffa naqset billi hija kellha l-obbligu li tilbes crash helmet li kien propju qied* (recte qies) *tagħha".* (a' fol 26 pero' ara wkoll xhieda ta' Mario Buttigieg fl-inkjetsa a' fol 47). Skond ir-rapport tal-Pulizija, ċertu Mariella Nadkova stqarret li kienet rat lill-vittma ħierġa

mill-Maltpost bil-vettura u ma kinitx liebsa helmet (a' fol 25 fil-fatt mill-inkjesta jirriżulta li kien hemm crash helmet abjad fuq is-seat a' fol 440). Ommha tgħid li dan il-helmet kienet tieħdu magħha d-dar (a' fol 36). Dan il-helmet ġie kkkonsenjat lill-vittma fis-17 ta' April 2020 u indikat bħala small (a' fol 131). Dan kien xi ġimgħatejn qabel l-inċident fatali. B'dana kollu minkejja l-qies ta' dan il-helmet missierha jgħid li l-mejta qatt ma ilmentat dwar dan il-helmet (a' fol 39). Issa f'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva dak li intqal aktar 'l fuq u ċioe' li l-ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd**). Għalhekk il-Qorti temmen li meta l-vittma kienet taf li dan il-helmet ma hux tal-qies tagħha kellha mill-ewwel tinforma lis-Soċjeta' konvenuta u mhux tieħdu magħha d-dar biex ħadd ma jużah meta kif qed naraw l-anqas hi ma kienet qed tagħmel użu minnu.

Fir-rigward ta' dan il-helmet jingħad ukoll fl-inkjesta, skond rapport mediku ta' Mario Buttigieg "*Irrizulta b'mod lampanti li l-elmu li kienet liebsa Briffa nqala' minn rasha bil-konsegwenza li l-istess elmu spicca gol-vettura*". Pero' dan l-espert jikkonkludi wkoll li l-elmu li kienet liebsa ma kienx ta' Elenia Briffa u dan peress li l-Maltapost plc provdiet 'crash helmet' tal-istess għamla iżda mhux il-qies (a' fol 47).

Il-Qorti hija tal-fehma li l-vittma naqset għaliex tassew kienet mingħajr helmet meta seħħ l-inċident. Huwa obbligu tal-ħaddiem li waqt il-qadi ta'

dmirijietu ma jpoġġix lilu nnifsu f'ċirkostanzi ta' perikolu u dan kif spjegat fis-**Sentenza tal-P.A. tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd supra.** Kif rajna aktar 'l fuq il-ħaddiem huwa obbligat li jikkopera ma' min iħaddmu inkwantu jirrigwarda s-saħħa tiegħu fuq il-lant tax-xogħol.

Barra minn dan David Attard, Direttur tas-Soċjeta' Konvenuta jgħid li meta mar fuq il-post ħdejn ras il-vittma ra sigarett u lighter u aktar lil hinn kien hemm pakkett tas-sigaretti (a' fol 103 u tergo). Mill-filmat ta' l-Aħbarijiet tat-TVM jidher is-sigarett u anke t-tyre ta' wara tax-xellug mifquh u jidher ukoll mill-istill esebit a' fol 117). Qrib il-vettura kien hemm ukoll pakkett sigaretti u lighter. Issa mill-filmat tal-mument meta seħħ l-inċident jidher ċar li l-vittma kienet distratta għaliex żgur ħadd ma hu ser isuq dritt għal ġo bankina. Il-Qorti tosserva li huwa inverosimili li s-sigarett inkwistjoni ħareġ minn ġewwa l-pakkett għalhekk huwa ferm aktar probabbli li dak ħarġitu l-vittma waqt li kienet qed isuq. Jidher ukoll li għalkemm dawn il-vetturi ma jistgħux ittellgħu veloċita' il-Qorti setgħet tikkonstata li dik il-kurva ma kinitx tippermetti l-veloċita' li kienet għaddejja biha l-vittma.

Dan ifisser li kollox ma' kollox, għalkemm mhux għal kollox ħtija tagħha kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel, il-Qorti hija tal-fehma li l-vittma kkontribwiet għall-inċident meta ma kinitx liebsa l-helmet, liema helmet għalkemm jidher li kien jiġiha żgħir, iżda b'dan kollu kif jistqarr missierha qatt ma lmentat minnu tant li saħansitra kienet tieħdu magħha d-dar.

Issa fejn jirrigwarda l-aġir tal-vittma f'dan ir-rigward irid jingħad li altru aġir li jikkontribwixxi għad-danni (per eżempju meta passiġġier ma jilbisx is-seat belt jew il-helmet) u altru meta l-vittma tkun parteċipi fil-mekkanika ta' kif ikun seħħ l-inċident.

F'dan ir-rigward l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet <u>jew tat okkażjoni</u> għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fiddiskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dikil-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni*". (Emfażi).

Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm, dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tati okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes helmet u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra jew saqet bi traskuraġni).

Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-Attriċi f'din il-kawża għandha miż-żewġ kategoriji. Dan għaliex ikkontribwixxiet għal ħsara għaliex ma kinitx liebsa l-helmet u tat lok għall-inċident għaliex ma jidhirx li kienet qed issuq

b'kawtela. Kif tista' tispjega li baqet dieħla karta bumm fil-bankina meta l-kawża ma kienx it-tyre mifquh! Skond din il-Qorti, dan infaqa' mal-impatt pjuttost qawwi mal-bankina. Skond ir-rapport, ċertu Joseph Caruana li kien qed isuq fl-istess triq mar jgħin biex neħħew il-vettura minn fuq ras il-vittma (a' fol 25). Din il-vettura tiżen 407 kilogrammi mingħajr ma jittieħed kont tal-piż tal-posta li kien hemm fiha (a' fol 83). Għalhekk, kieku ta' l-inqas kienet liebsa l-helmet kien hemm ċans li l-impatt fuq rasha ma kienx ikun daqstant fatali.

Dwar kif għandu jkun hemm apporzjonament ta' responsabbilta' din il-Qorti tagħmel referenza **għas-Sentenza fl-ismijiet Joseph Galdes -vs-Victor Micallef, Appell Ċivili tal-20 ta' Jannar 1964 (Vol XLVIII.i.59)** fejn il-Qorti spjegat hekk:

"*Li meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa għal jew ikkaguna il-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew id-danneggjanti ikunu ikkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, mingħajr regola prestabbilita' mill-ligi stess li tistabilixxi għal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tiegħu.*"

Huwa interessanti wkoll dak li tgħid il-ġurisprudenza ingliża f'dan ir-rigward u ċioe' li "*apportionment involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional cases*" (Ara

**House of Lords Mcgregor Case [1943] A.C 197.** Ara wkoll **Sentenza Edward George Arrigo et -vs- Paul Laferla, Appell Kummerċjali tas-16 ta' Mejju 1960**).

Issa kif ingħad aktar 'l fuq fil-każ odjern il-vittma mhux biss ikkontribwixxiet għad-danni iżda saħansitra taħti, tal-inqas parzjalment għall-inċident għaliex tat lok għalih. Għalhekk meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-vittma għandha tirrispondi kemm għad-danni u kif ukoll għall-inċident fil-grad ta' 50%.

*Ir-responsabbilita' tas-Soċjeta' konvenuta*.

Kif diġa' aċċennat, apparti l-prinċipji ġenerali taħt il-Kodiċi Ċivili fuq imsemmija, fil-kamp industrijali hemm ukoll dawk speċjali li jitnisslu mill-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk dawn iż-żewġ liġijiet iridu jinqraw flimkien.

Regolament 4 ta' A.L 424.18 b'mod speċifiku jiddisponi hekk:

*"(1) Għandu jkun id-dmir ta' prinċipal li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsammax-xogħol.*

*(2) Prinċipal għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajietu d-daqs tal-impriża.*

*(3) Prinċipal għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni utaħriġ kif meħtieġ:*

*Iżda għal dawn l-għanijiet, il-prinċipal għandu jipprovdi l-organizzazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol:*

*Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, il-prinċipal għandu jkun attent għall-bżonn ta' aġġustament jewemenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu.*"

Min hawn jemerġi b'mod ċar kemm huma wiesgħa l-obbligi li għandu min iħaddem sabiex jiggarantixxi s-saħħa tal-impjegati tiegħu kemm jekk ikunu jaħdmu fuq ġewwa u anke fuq barra.

Ai fini ta' evalwazzjoni tar-riskji involuti fuq il-post tax-xogħol, min jimpjega għandu jevalwa kemm dawk ġenerali iżda anke dawk partikulari ta' ħaddiem. F'dan ir-rigward, skond omm il-mejta, din ġabet il-liċenzja tas-sewqan fi Frar tal-2020 (a' fol 35 skond missier il-vittma din ġabitha ftit wara li daħlet taħdem mas-Soċjeta' konvenuta a' fol 38).

L-omm kienet marret magħha Ta' Qali u tiftakar li ngħatat issuq din il-vettura, li hi ssejħilha mutur iżda Adrian Vassallo jixhed li dik kienet liċenzjata kategorija B jiġifieri karrozza u mhux mutur (Joseph Gafa', rappresentant tas-Soċjeta' konvenuta wkoll jgħid li din mhux mutur imma

karozza a' fol 55 tergo). Dak inhar il-vittma qalet lill-ommha li ma kellhiex għalfejn terġa' titla' għaliex hi kellha l-liċenzja tal-karrozza. Kien hemm persuna maskili tagħmlilha t-test tas-sewqan (a' fol 36). Missierha jgħid li dan it-test għamlitu ftit ġimgħat wara li ġabet il-liċenzja (a' fol 38). Il-vittma mietet xi ġimgħatejn wara dan it-test.

Minn dan kollu l-Qorti tiddeduċi li s-Soċjeta' konvenuta kienet konsapevoli li l-vittma kienet pjuttost għadha friska fis-sewqan. Fattur li skond din il-Qorti kellu jittieħed qies tiegħu b'aktar serjeta'. Di pju' huwa minnu li l-vittma kellha liċenzja ta' karrozza u huwa minnu wkoll li din il-vettura ġiet reġistrata bħala karrozza mal-awtoritajiet lokali. Issa Joseph Galea, rappresentant tas-Soċjeta' konvenuta jgħid, li għalkemm hija karrozza għandha xi affarijiet daqsxejn differenti, bħal jekk tqum minn fuq is-seat jieqaf il-break mill-ewwel u ma għandiex bibien biex il-pustier ikun jista' jidħol u joħroġ mill-ewwel u anke l-isteering huwa differenti qiesu bħal tal-'bicycle' (a' fol 56). Il-breaks u l-gerijiet qegħdin fl-isteering (a' fol 104) David Attard jispjega li l-gas ukoll qiegħed fl-isteering "... *bhal m'hu fil-mutur"*. Għalkemm jgħid li jingħata taħriġ fuqhom, dan ix-xhud ex admissis jgħid, li teknikament l-anqas hemm bżonn taħriġ la darba għandek liċenzja tal-karrozza.

Il-Qorti ma tikkondividi xejn dak li jgħidu x-xhieda tas-Soċjeta' konvenuta. Għalkemm tassew li l-vettura hija formalment meqjusa bħala karrozza, fil-fehma tal-Qorti hija waħda sui generis għall-aħħar u sempliċi informazzjoni li taħdem billi tinstaq darba u daqshekk ma hux tajjeb partikularment għal

persuna li kienet għadha kemm ġabet il-liċenzja biex issuq karrozza ftit tal-ġimgħat qabel.

Skond Adrian Vassallo, operation officer tas-Soċjeta' konvenuta jgħid b'referenza għal dan li "*f'dan il-każ ma kinitx it-type approval tal-LSE ... l-ahhar direttiva 2013 /16 ma kienx jirrekjedi għall-vettura type L6E is-seat belt dak iż-żmien*" (a' fol 75). Dan preżenta wkoll ir-rekord tat-taħriġ (a' fol 95). Dan iċ-ċertifikat jgħid li t-test sar lil persuna oħra dak in-nhar filfatt ġie kkonfermat minn omm il-vittma meta tgħid li "*fuq il-post kien hemm diga' fuq il-post tfajla ohra tistenna sabiex tagħmel it-test*" (a' fol 35). It-test seħħ fis-16 ta' Mejju 2020 xahar biss wara li ġabet il-liċenzja. Il-Qorti l-anqas ma taqbel mal-asserzjoni li s-seat belt ma kienx meħtieġ għaliex id-direttiva 2013/16 ma kinitx tesiġih. Lakuna fil-liġi ma tissuperax dak li tiddetta r-raġuni fil-każ ta' ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol jew fl-eżerċizzju tax-xogħlu.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għar-regolament 5 tal-Avviż Legali fuq imsemmi li jiddisponi hekk:

"*Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-prinċipal għandu, wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriża u, jew tal-istabbiliment –*

*(a) <u>jidentifika l-perikli</u> fuq il-post tax-xogħol u għandujevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà;*

*(b) <u>jevalwa dawk ir-riskji</u> għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandujikkontrollahom mill-bidu;*

*(ċ) jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fejn jidħol id-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa*". (Emfażi tal-Qorti).

Joħroġ ċar mil-liġi li min jimpjega għandu jkun pro attiv fil-qasam ta' ħarsien tax-xogħol u mhux jistrieh biss fuq il-kelma tal-liġijiet speċjali għaliex fejn huma mankanti dawn hemm dejjem l-artikoli ġenerali tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu l-mezz lil min iħaddem li jipprovdi fejn liġi speċjali ma tipprovdix. Il-liġijiet speċjali f'dan il-qasam li huma meqjusa ta' interess pubbliku (Art 4(1) tal-Kap 424) tassew huma tassattivi iżda huma wkoll illustrattivi.

Issa Adrian Vassallo jgħid li l-persuna tkun imħarrġa "*f'fazijiet differenti. Jigifieri hemm hafna fazijiet jigifieri hu jigi trenjat kemm bhala uzu, kemm bhala switches li hemm u l-affarijiet li hemm. U hemm isirlu anke testijiet li gew rakkomandati mill-manufacture u jsiru dawk it-testijiet lill-haddiema. Il-haddiema imbagħad jingħataw biss il-vettura jekk ikunu, naraw li d-driving tagħhom huwa tajjeb ...*" (a' fol 75 tergo). Dan jgħid ukoll li normalment imorru wkoll akkompanjati fit-toroq bħala training (a' fol 77). Issa anke Pierre Mangion, senior administrator tas-Soċjeta' konvenuta, jispjega li t-training "*maqsum fi tnejn ovvjament. Wieħed is-sezzjoni li spjegajt fil-bidu li ahna nispjegaw il-vettura. X'jikkonsisti, kif inhi ffurmata u x'hemm bzonn, l-istess kif habba jitgħabba, fil-vettura. Imbagħad wara ifhimni hemm dan isir it-training tas-sewqan*" (a' fol 91).

Minn hawn jirriżulta li wara dak "it-taħriġ" li ngħatat Ta' Qali, ma kellha ebda taħriġ ieħor bħal per eżempju toħroġ akkumpanjata. Wara dak it-test mill-ewwel tħalliet toħroġ fit-triq waħedha meta kif diġa' rilevat kienet għadha friska ġabet il-liċenzja u tenut kont tal-mudell ta' vettura inkwistjoni li in parti qiesha karrozza u in parti mutur. L-anqas ma din il-Qorti ma temmen li f'dik id-darba f'Ta' Qali ngħatat bis-serjeta l-informazzjoni kollha dwar din il-vettura anke jekk mid-dokument rilaxxat jidher li l-minimu ta' informazzjoni ingħata lilha. L-impressjoni soda li ħadet il-Qorti hi, li dan ix-xorta ta' taħriġ huwa wieħed formalistiku għall-aħħar u mhux magħmul b'dik is-serjeta' li trid id-dar ta' manifattura tal-istess vejikolu.

Waqt ix-xhieda tiegħu David Attard jipprova jistrieħ fuq il-fatt li "*ahna proud li kemm ilna noperaw bhal issa għandna mija u hamsa u hamsin minn dawn il-vetturi, qatt ma kellna inċident ta' dan it-tip*". (a' fol 126). Imma l-Qorti terġa tfakkar f'dak li ntqal li jekk sistema li jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru tal-1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

Di piu' ma jidhirx li s-Soċjeta' konvenuta għandha sistema f'postha biex tissorvelja li l-miżuri ta' ħarsien ikunu qegħdin jiġu osservati mill-ħaddiema, tant li dan ix-xhud b'diżinvoltura ċara jixhed li l-kontroll ("*checking*") huwa responsabbilita' tal-impjegat. Dan qalu fil-kuntest tal-helmet. Jgħid saħansitra li ma għandhom ebda kontroll biex ikunu jafu jekk per eżempju

dak li jkun jaqbad u jmur u jbiegħu u jkompli jispjega li s-Soċjeta' konvenuta ma hiex kelb tal-għassa tal-impjegati. Imma b'kull dovut rispett lejn ix-xhud, iżda skond il-liġi hekk għandha tkun fejn tidħol is-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol. Jekk is-Soċjeta' konvenuta mhux qed tifhem dan allura ma hiex tifhem li dan huwa wieħed mill-obbligazjonijiet essenzjali tagħha. Tant li r-regolament 4(2) tal-Avviż legali imsemmi jagħmilha aktar minn ċara li wieħed mill-obbligi ta' min jimpjega "*għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajietu d-daqs tal-impriża"*.

Għalhekk din il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha u wara li kkunsidrat il-provi kollha, issib li s-Soċjeta' konvenuta għandha twieġeb fil-grad ta' 50% bħala responsabbli u konsegwenza tad-danni sofferti mill-Atturi.

*Likwidazzjoni tad-danni*

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam ix-xorta ta' danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).

Huwa paċifiku fit-tagħlim ġurisprudenzjali tagħna li s-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb*

*direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali".*

Filwaqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*" La darba kull somma hija rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, dan irid isir fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna minn dan lartikolu partikulari tal-Kodiċi Ċivili.

Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

*<u>Damnum emergens</u>*

Fil-każ in eżami ma jidhirx li jeżisti dan ix-xorta ta' dannu kemm minħabba d-deċess tal-vittma u kif ukoll minħabba li l-azzjoni qed issir mill-eredi tal-

vittma. Ma jidhirx li kien hemm telf attwali għaliex mad-deċess kważi immedjat tal-vittma ma ġewx inkorsi dawn ix-xorta ta' danni.

*Lucrum Cessans*

Kif diġa' aċċennat, l-azzjoni ma hiex qed titressaq mid-dipendenti tal-vittma iżda purament mill-eredi tagħha. F'dan il-każ il-Qorti trid tieħu inkonsiderazzjoni li l-Atturi ma humiex id-dipendenti diretti tal-vittma bħal ma huwa raġel fiż-żwieġ jew id-dixxendenti tagħha. L-Atturi huma l-axxendenti u kollaterali.

Għalkemm huwa minnu li l-Kodiċi Ċivili għandu jipprovdi għad-dritt ta' manteniment, fil-kuntest tal-liġijiet viġenti, partikolarment dawk soċjali, irid ikun provat li dan id-dritt huwa tassew eżerċitabbli fost oħrajn minħabba indiġenza. Fil-kawża tal-lum ma jidhirx li huwa l-każ.

Jibda biex jingħad li fil-każ ta' eredi li ma jkunux jiddependu direttament fuq il-mejjet, dejjem kien hemm problema jekk dawn għandhomx jedd li jitolbu danni anke meta ma jkunux jiddependu fuq  il-mejjet jew ta' l-inqas jipprovaw li kienu jahsdu xi benefiċċju materjali kieku l-persuna ma mititx jew kif josserva Munkman, kellhom *" a reasonable expectation of finicial benefit from the deceased"* (**op.cit pg 190**). Per eżempju **f'Munkman On Damages for personal Injuries and Death** insibu din l-osservazzjoni: fil-każ ta' persuna li tmut maġġorrenni *"... some care must be taken. In these circumstances there is no bearevement payment if the child died after the*

*age of 18, If rrasinable of benefit can br shown then the clain could succeed, albeit contained within modest limits"* (Ara **Munkmen, 12th Ed, page 2027**). Mill-provi li għandha quddiemha din il-Qorti ma nġabet ebda prova li l-Atturi sofrew materjalment minħabba l-mewt ta' Elenia Briffa' jew kif jispjega dan l-awtur ingliz "*Now it is clear that damage must be shown ... these should be calculated in refrence to a reasonable expectation of benefit , as of right or otherwise, from continuance of life ... a jury ought to be satisfied that there has beeb a loss os sensible and appreciable pecuniary benefitm which may have been reasonably expected from the continuance of life*" (**op.cit pg192**).

Il-Qrati tagħna pero' ġibdu linja differenti mit-tagħlim imsemmi li biha kkomprendew lill-qraba li ma humiex direttament dipendenti fuq il-mejjet. F'każijiet bħal dawn, kif affermat l-Onorabbli Qorti tal-**Appell fis-Sentenza fl-ismijiet Turner -vs- Agius, deċiża fit-28 ta' Novembru, 2003**, il-Qorti trid dejjem tieħu ħsieb ukoll din il-kwistjoni ta' dipendenza, għax kif ġie osservat f'din is-Sentenza: "*Hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun qiegħda tiddependi direttament, għal xi sitwazzjoni ohra fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru iehor ta' familja li qegħdha tgħix fi hdanha u li fin-normalita' tal-hajja l-probabilita' tkun li din tiehu l-istat tagħha jew tmur tgħix għar-rasha"*. Bil-mod kif xehdu l-ġenituri tal-mejta, jidher li din kienet tgħix magħhom.

Dan il-prinċipju kien ġie elaborat ukoll f'Sentenza oħra tal-Onorabbli **Qorti tal-Appell mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 2003, fl-ismijiet Agius vs**

**Fenech**. F'din is-sentenza ntqal minħabba l-grad ta' dipendenza kien wieħed baxx, l-ammont likwidat ġie ridott bin-nofs, ċioe', b'50%. Din il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandiex tapplika l-istess kriterju fil-Kawża odjerna. Għalhekk tenut kont li kif diġa' intqal l-vittma kellha 50% responsabbilita' għall-inċident jfisser li finalment l-Atturi huma intitolati għal kwart (25%) ta' dak li ser ikun likwidat. Għalhekk il-Qorti ser issa tgħaddi biex tillikwida d-danni fuq il-kriterji li ordinarjament jiġu applikati minn dawn il-Qrati.

Jibda biex jingħad li l-awtur Taljan Torrente jsostni li *"la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo."* (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**). Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri meta jiġi biex iqies danni futuri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fis-Sentenza ta' Carmelo Fenech**

**et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et tas-16 ta' Mejju 20019** intqal li "*dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar talinċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba linkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;*

*Illi l-kliem 'inkapaċita għal dejjem' li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li 'f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv"* (Ara wkoll **Sentenza tal-Prim Awla tat-30 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et (mhix appellata**)).

Dan ifisser li hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun gwidad mill-prinċipju tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqs li kieku ma kien ġralu xejn bil-caveats legali kollha li dan il-prinċipju jġib miegħu (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani mhix appellata**).

Huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "*telf ta' paga jew qligħ ieħor attwal*i" u "*telf ta' qligħ li jbati* 'l quddiem". Huwa wkoll minnu, li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li jħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "past

pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain"* (**Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**).

Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Il-Qorti għalhekk tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (Ara **App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500**) f'dan il-każ fis-7 ta' Mejju 2020. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol

tagħha (Ara **App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242)**).

Ħaġa oħra hi, li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment kif fuq aċċennat (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-31 ta' Jannar 1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata)**). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll, li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-Attriċi irid isir bi tqabbil ma' dak li kienet attwalment tirċievi l-persuna danneġjata kieku ma ndarbitx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. (Ara fost oħrajn **Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-atturi wrew li kienet iddaħħal.

Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' **Butler -vs- Heard**. Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati.

Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejħa multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni. F'dan il-każ il-vittma kellha 19 -il sena meta mietet u li kieku baqet

ħajja l-eta' pensjonabbli ta' mara hija dik ta' 64 sena. Dan mhux prinċipju fiss, fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa.

Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant fit-tul jekk jirrisulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet preċedenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta' saħħa ħażin u li għalhekk prevedibbilment ma kinux jippermetulha li tgħix sa 64 sena u bħal meta tkun tant b'saħħitha li l-kalkolu jista' ukoll jissupera l-eta' pensjonabbli.

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, fil-mument tal-inċident il-vittma kellha 19 -il sena u kienet fi stat ta' saħħa tajba. Dan ifisser li kalkolu ser isir fuq medda ta' 45 sena tenut kont li l-eta' pensjonabbli għan-nisa hija dik ta' 64 sena.

Huwa wkoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrapresentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin magħrufa bħala lump sum payment. L-ermenewtika lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm -il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża.

Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjusa raġjonevoli. Issa fil-każ odjern qieset li l-Kawża mxiet b'ċertu ċelerita u di piu; l-Atturi ma

humiex id-dipendenti diretti għalhekk il-Qorti tħoss li l-lump sum payment għandu jibqa' ta' 20%.

Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Pero' fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti l-vittma mietet tista' tgħid mal-inċident.

Fil-kas ta' mewt il-perċentwal 100%. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Teresa Monreal, et -vs- Piju Grech et, deċiża fit-2 ta' Mejju 2006, Prim'Awla Qorti Ċivili**). Il-Qorti tfakkar ukoll li artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan*". Għal din il-Qorti dan ifisser 100% inkapaċita'. Għalhekk id-danni kollha jammontaw għas-segwenti:

€14,508 (salarju nett annwali a' fol 98) x 45 (snin sal-pensjoni u 100% disabilta' ai fini tal-artikolu 1046 fuq imsemmi) = €652,860 – €32643e (20% lump sum payment) = €620,000. Minn dan jitnaqqas 50% (Grad ta' responsabbilita') = €310,000 u minn dan jerġa' jitnaqqas għal darba oħra 50% (grad ta' qrubija u non-dipendenza) = **€155,000**.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** limitatament billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta taħti għall-imsemmi inċident fil-grad ta' ħamsin fil-mija (50%).

**Tilqa' it-tieni talba attriċi** u fid-dawl tal-ewwel talba kif akkolta, u abbażi ta' dak spjegat fis-Sentenza aktar 'l fuq, tillikwida d-danni sofferti mill-Atturi fl-ammont ta' mija ħamsa u ħamsin elf ewro (€155,000).

**Tilqa' it-tielet talba attriċi** u tikkundanna għalhekk lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-Atturi s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi.

Spejjes tal-kawża nofs bin-nofs.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**